ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2025

Talba Nru: CCT193/25/DS

Jesmond Sant

Vs

Homemate Co. Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2025 fejn talab lis-soċjeta' intimata riżarċiment fl-ammont ta' erba' mija u sitta u għoxrin Ewro u disgħa u sittin ċentezmu (€426.69) dwar settijiet ta' borom u twaġen illi skont l-attur l-*handles* tagħhom baqgħu jiċċaqilqu anke wara tlett tentattivi ta' tiswija;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fis-7 ta' Novembru, 2025;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sucċint huma s-segwenti: L-attur xtara sett borom u sett twaġen illi qiegħed jallega illi l-*handles* tagħhom bdew jiċċaqilqu wara xi ħames xhur u wara li hadhom għat-tiswija din il-problema ppersistiet. Huwa għaldaqstant isostni illi l-prodott kien wieħed difettuż.

Is-soċjeta' intimata tirribatti illi primarjament għandha għat-tiswija waslu biss żewġ borom u mhux is-sett kollu u li wara t-tiswija il-*handles* ma kienux għadhom qiegħdin jiċċaqilqu ħlief taħt pressjoni kbira li m'hijiex il-pressjoni normali li wieħed jagħmel normalment meta juża l-borom. Qalet ukoll illi l-borom marru għat-tiswija darbtejn mhux tlieta u li meta waslu mingħand is-*supplier* illi kien ħadhom għat-tiswija għand xi ħadd professjonali dawn ġew f'kunizzjoni kważi ġdida.

Illi t-Tribunal jinnota illi fl-ebda stadju f'dawn il-proċeduri ma nġiebu xi borom bħala prova u lanqas twaġen u għaldaqstant tista' toqgħod biss fuq ix-xhieda miġjuba quddiemha. Jidher illi fil-fatt ma kienx is-sett sħiħ illi ttieħed għat-tiswija iżda żewġ borom u li dawn fil-fatt kellhom il-*handles* issikkati minn nies professjonali liema borom ġew iċċekkjati wkoll minn membri diversi tas-soċjeta' intimata.

Illi huwa l-attur illi tinkombi fuqu l-prova illi dak illi qiegħed jallega huwa fil-fatt minnu u dan it-Tribunal m'huwiex konvint illi dak allegat fil-fatt jissussisti. F'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.



Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru